# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 77/2015**

**Il-Pulizija**

**vs.**

*Omissis*
**Larson Grech**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba kontra *Omissis* u l-appellant **Larson Grech**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 503690(M), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar id-19 ta' Awwissu 2013 għal ħabta ta' bejn l-10.00pm u l-11.00pm ġewwa Triq Matty Grima, Bormla:

[1] *A fol.* 39 *et seq.*.

1. volontarjament ħebbew għal persuna ta' Alan Grech permezz ta' strument li jaqta' u bil-ponta u kkaġunawlu ġrieħi ta' natura gravi hekk kif iċċertifikat minn Dr. M. Caruana ta' l-iSptar Mater Dei;

2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħebbew mingħajr ma darbu għal persuna ta' Carmelo Tabone minn Bormla;

3. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, heddew bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, waddbu u/jew qabdu arma/i oħra kontra Alan Grech u/jew persuna/i oħra;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kisru il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;

<u>*Omissis* waħidha akkużata wkoll talli</u>:

5. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saret reċidiva *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, barra milli tappika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' tal-persuna/i hawn fuq indikati.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex toħroġ Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Frar 2015 fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 31, 49, 50, 214, 215, 217, 218, 222(1)(a), 338(m) u (dd), 339(1)(b) u (d), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-

Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom u kkundannathom għal sentejn priġunerija.

Rat ir-Rikors tal-appellanti *Omissis* u Grech ippreżentat fis-17 ta' Frar 2015 fejn talbu lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirrevoka s-sentenza fuq indikata tal-5 ta' Frar 2015 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura u tilliberahom mill-akkużi dedotti kontra tagħhom."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi dan hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-5 ta' Frar 2015. Għandu jingħad li quddiem l-Ewwel Qorti l-proċeduri kienu kontra l-appellant Grech u persuna oħra bl-isem ta' Nicolina Portelli li tiġi ommu u li s-sentenza appellata ngħatat fil-konfront tagħhom it-tnejn. Minkejja li ż-żewġ persuni appellaw mis-sentenza appellata, Nicolina Portelli mietet fit-30 ta' Mejju 2020 tant li din il-Qorti kif diversament preseduta ddikjarat l-proċediment estint fil-konfront tagħha (*a fol.* 256). B'hekk irid jiġi kkunsidrat l-appell tal-appellant Larson Grech biss.

Illi f'dan il-każ jirriżulta li kien qam argument bejn membri tal-istess familja, fejn Alan Grech sofra ġrieħi gravi, liema argument qam għax kien sar diskors minn terzi fuq membri tal-istess familja u wħud minnhom marru għas-sodisfazzjon. Jirriżulta li l-qiegħa

saħnet sew u l-familja ġiet fl-idejn b'dan illi Larson Grech u ommu Nicolina Portelli ġew identifikati bħala l-persuni li ferew lil Alan Grech u għalhekk Larson Grech u Nicolina Portelli tressqu quddiem l-Ewwel Qorti u ġew mixlija b'numru ta' imputazzjonijiet. Għal kull buon fini jingħad li Nicolina Portelli tiġi omm Alan Grech, u li Larson Grech u Kurt Grech (li ser jissemma aktar tard f'din is-sentenza) huma ħut Alan Grech.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-appell imressaq mill-appellant Grech.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa li l-Ewwel Qorti ma għamlitx apprezzament tal-fatti tajjeb tal-provi prodotti. Jgħid li l-Prosekuzzjoni ddeċidiet li toħroġ imputazzjonijiet biss fil-konfront tiegħu (u ta' Nicolina Portelli) u eskludiet kompletament lil Kurt Grech li jiġu ħu l-allegat vittma Alan Grech. Jisħaq li Kurt Grech kien indikat mix-xhieda li kien preżenti u li kien ukoll involut fil-ġlieda u jgħid li wieħed ma jistax jifhem kif l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li Kurt Grech ma kellu x'jaqsam xejn meta huwa ssemma minn kważi kull xhud. Jgħid li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti hija perikoluża ħafna għax mix-xhieda jirriżulta li Kurt Grech kellu sehem attiv fil-ġlieda. Jargumenta li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx l-aħjar prova meta eskludiet lil Kurt Grech minkejja l-preżenza attiva tiegħu u li għalhekk hemm dubju dwar min ta d-daqqiet tas-sikkina. Jgħid li biex persuna tiġi dikjarata ħatja, l-imputazzjonijiet iridu ikun ppruvati *beyond reasonable doubt*. Jisħaq li jekk wieħed jeskludi l-evidenza dwar Kurt Grech, wieħed jispiċċa b'dubju dettat mir-raġuni dwar min vera ta d-daqqiet.

Illi l-aggravju in eżami huwa dwar apprezzament tal-fatti. Dwar dan, din il-Qorti tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian**

**Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti proċesswali kollha u dak li xehdu x-xhieda li ġew imressqa quddiem l-Ewwel Qorti nkluż dak li reġa' xehed quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta. In fatti għandu jingħad li l-vittma Alan Grech mhux biss xehed quddiem l-Ewwel Qorti pero' reġa' xehed quddiem din il-Qorti diversament preseduta. Jirriżulta li quddiem din il-Qorti diversament preseduta Alan Grech xehed li ommu Nicolina Portelli kienet skużat ruħha miegħu u kienet qaltlu li kienet hi li tagħtu daqqiet bil-mus. Jgħid: *"U kont speċi għidtilha tkellem u għid dak li qed tgħid lili ħalli lanqas ħaqq jeħel ħija. Illum il-ġurnata għandu familja u hekk, qed tifhem? U kellha tgħid dan il-kliem hi, imma sfortunatament ma laħqitx għax kienet ħallietna"* (*a fol.* 257 *et seq.*). Wara numru ta' domandi magħmula minn din il-Qorti diversament preseduta, huwa qal li kienet ommu żgur li kienet

tagħtu d-daqqiet peress li kien fl-idejn ma' ħuh Larson Grech u kien qed iħoss id-daqqiet. Għandu jingħad li l-istess xhud qal li ommu kienet qaltlu li kienet hi li tagħtu bil-mus diversi xhur qabel huwa xehed. Huwa xehed fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2020 quddiem din il-Qorti diversament preseduta u ommu kienet ilha li mietet minn Mejju 2020. Għandu jingħad li l-appell kien ilu li ġie differit għas-sentenza mis-seduta tal-14 ta' Lulju 2016 (*a fol.* 207).

Illi filwaqt li din il-Qorti tinnota li huwa ċensurabbli ferm li s-sentenza f'dan l-appell qed tingħata biss illum u dana wara diversi differimenti sabiex tingħata, tinnota wkoll li l-verżjoni mogħtija minn Alan Grech quddiem din il-Qorti diversament preseduta mhijiex waħda ta' min joqgħod fuqha u dana b'mod speċjali minħabba li huwa qal dak li kellu jgħid wara li Nicolina Portelli mietet u fuq kliem li skont hu qaltu! Kieku dan kien verament minnu kienet tkun Portelli stess li tixhed hekk quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta kienet għadha ħajja.

Illi, b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq, għandu jingħad ukoll li mill-provi jirriżulta ċar li kemm Nicolina Portelli kif ukoll Larson Grech taw bil-mus lil Alan Grech. Fid-depożizzjoni mogħtija minnu quddiem l-Ewwel Qorti, Alan Grech stess jixhed (*a fol.* 66):

> "Ġiet il-*mummy* u bdiet ixejjirli bil-mus. Tagħti bl-addoċċ."

Meta ġie mistoqsi fejn ommu tagħtu bil-mus, wieġeb hekk (*a fol.* 66):

> "Ommi tatni f'kuxtejja, fil-warrani u hawnhekk [dahru]".

Aktar tard fid-depożizzjoni tiegħu, Alan Grech xehed hekk (*a fol.* 67):

> "U x'ħin tlaqt lil hija u mbuttajt lil *mummy* jiena biex ma ttinix, lil Larson ilħaqt tlaqtu, ħareġ il-mus u beda

> jagħtini hu wkoll. Imbagħad spiċċajt il-*mummy*, Larson u Kurt it-tlieta fuqi, spiċċajt mal-art jiena."

Illi da parte tagħha Mairwen Tabone Spalding (it-tfajla ta' Alan Grech) xehdet hekk (*a fol.* 78):

> "[...] u Kolina bdiet tagħti minn wara Larson bil-mus lil Alan.
>
> [...]
>
> Imbagħad Alan qam, jiġifieri nqala' minn ma' Larson u gara lil ommu, imbotta lil ommu, u Larson ħareġ il-mus u mar fuq Alan itih."

Meta hi ġiet mistoqsija tgħid kemm il-mus kien hemm, Mairwen Tabone Spalding wieġbet li kien hemm żgur żewġ imwies (*a fol.* 78). Aktar tard tgħid (*a fol.* 79):

> "B'ta' Kolina ma ndunajtx mill-ewwel [bil-mus] imma mbagħad x'ħin neħħiet idejha rajtu, imma ta' Larson rajtu anke jiftħu."

Illi anke Carmelo Tabone xehed li kemm Larson Grech kif ukoll Nicolina Portelli kellhom mus f'idejhom u li anke lilu laqtu bi sbrixx (*a fol.* 88).

Illi minn dak li ngħad hawn fuq jirriżulta li teżisti xhieda diretta u ċara li kemm Nicolina Portelli kif ukoll binha Larson Grech kellhom mus kull wieħed f'idejhom u li t-tnejn taw bih lil Alan Grech. Ma hemm ebda ekwivoku dwar dan u x-xiehda li ngħatat quddiem l-Ewwel Qorti mix-xhieda msemmija hawn fuq hija waħda kredibbli u verosimili.

Illi għal dik li hija natura tal-ġrieħi, din il-Qorti tinnota li ċ-ċertifikati maħruġa mit-tobba kif ukoll ix-xiehda tagħhom fil-proċess ma tħalli ebda dubju li xi wħud mill-feriti jew offiżi gravi kienu riżultat ta' xi ħaġa bil-ponta.

Illi saħansitra s-Surġent li kien responsabbli meta sar ir-rapport fl-Għassa tal-Pulizija kkonferma li l-feriti fuq Grech kienu bħal qata' fil-ġilda u mhux *blunt trauma* jew grif superfiċjali.

Illi din il-Qorti eżaminat bir-reqqa dak li xehdu Larson Grech u Nicolina Portelli u ssib li l-verżjonijiet tagħhom bl-ebda mod ma jxejnu x-xhieda hawn fuq prodotti u r-riżultati tal-eżamijiet mediċi.

Illi minkejja li l-appellant insista li ma tellgħetx l-aħjar prova għaliex il-Pulizija ma ressqitx lil Kurt Grech jixhed, din il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ressqet biex jixhdu l-protagonisti tal-ġlieda bil-vittma nnifsu. M'hemmx dubju li dawn huma l-aħjar prova. Ħadd ma identifika lil Kurt Grech bħala li kien attiv ħafna f'din il-ġlieda. Huwa minnu li Kurt Grech seta' kien strumentali biex Larson Grech u Nicolina Portelli jmorru jikkonfrontaw lil Carmelo Tabone b'dak li kien qal għax kien hu li rraporta dak li kien allegatament qal Tabone dwar il-kondizzjonijiet fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin tal-missier ta' Grech. Imma l-qofol ta' dan il-każ huwa proprju d-daqqiet bil-mus li ma hemmx dubju li kemm Nicolina Portelli (omm il-vittma) u Larson Grech (ħu l-vittma) taw lil Alan Grech.

Illi din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ressqet l-aħjar provi li setgħet tressaq u li ma kienx hemm ħtieġa li jitla' Kurt Grech għaliex il-provi mressqa kienu ċari biżżejjed u jwasslu għall-konklużjoni li Alan Grech kien attakkat b'mus kemm minn Larson Grech kif ukoll minn Nicolina Portelli. B'hekk isegwi li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni tagħha b'mod korrett kemm legalment kif ukoll raġonevolment u għaldaqstant l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tieni aggravju</u> tal-appellant huwa li n-nuqqas ta' koerenza fit-teżi tal-Prosekuzzjoni m'huwiex biss l-uniku element li hemm li a bażi tiegħu ma kellhiex tinstab il-ħtija li nstabet mill-Ewwel Qorti. Jgħid li fl-atti proċesswali ma hemmx provi indizzjarji li jistgħu

jsaħħu t-teżi tal-Prosekuzzjoni. Jisħaq li kollox jistrieħ fuq ix-xiehda ta' Alan Grech u tal-familja ta' Carmelo Tabone li kollha jallegaw li huma l-vittmi. Jgħid li l-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova li ssaħħaħ l-argument ta' dawn ix-xhieda u li hija (il-Prosekuzzjoni) ma ġabritx l-arma tad-delitt u lanqas ippruvat tissostitwixxi provi oħra għal dan. Jisħaq li ma nstab l-ebda demm fuq il-persuni ta' Nicolina Portelli u Larson Grech meta wieħed kien jistenna li jsib traċċi tad-demm meta dawn allegatament kienu nvoluti fi ġlieda u kienu kobba mal-art. Wara li jagħmel riferenza għal ġurisprudenza, jagħlaq l-aggravju tiegħu billi jgħid li l-provi għandhom ikunu meqjusa fl-assiem tagħhom u mhux b'mod spezzettat biss.

Illi din il-Qorti tinnota li l-appellant m'huwiex korrett meta wara li nsista fuq l-importanza tal-evidenza ċirkostanzjali huwa ssottometta li l-Pulizija ma ressqitx din it-tip ta' prova. L-appellant m'huwiex korrett minħabba li r-riżultati mediċi huma wkoll forma ta' *circumstantial evidence* għax m'humiex evidenza diretta ta' x'ġara. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid ukoll li l-evidenza ċirkostanzjali għandha sehem importanti fil-provi pero' ma jfissirx li jekk ma jkunx hemm tali evidenza allura l-każ jaqa'.

Illi f'dan il-każ l-evidenza diretta hija qawwija u ċara u ma tħalli ebda dubju dwar il-ħtija tal-appellant. Lanqas il-fatt li ma nstabx mus ma jfisser li ma hemmx każ. In fatti, fl-atti proċesswali jirriżulta dak li ħass il-vittma u li qal li ħass meta xehed kif ukoll dak li kkonkludew it-tobba. Dan kollu jwassal għall-konklużjoni loġika dwar dak li ġara u dwar min kien il-vera responsabbli għal dak li ġara. Dan jingħad apparti x-xhieda li taw id-depożizzjoni tagħhom dwar dak li kien ġara. B'hekk isegwi li t-tieni aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tielet aggravju l-appellant jargumenta li t-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni ma jissussistux u jisħaq li kienu Carmelo Tabone u Alan Grech li ħebbew għalih u għal Nicolina Portelli. Jgħid li mill-provi jirriżulta li meta Nicolina Portelli u hu

waslu fuq il-post kienu Carmelo Tabone u Alan Grech li niżlu għalihom fit-triq u li kieku dawn it-tnejn riedu jżommu l-paċi, kienu joqogħdu ġo darhom.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta li kienu Nicolina Portelli u uliedha l-oħra li marru għal Tabone u mhux kif jgħid l-appellant. Dwar l-imputazzjonijiet li jsemmi l-appellant fl-aggravju tiegħu, din il-Qorti tinnota s-segwenti:

- dwar it-tieni (2) imputazzjoni (dik tal-ħebb mingħajr ma ndarab Carmelo Tabone), din il-Qorti tinnota li din tissussisti kif jidher mix-xiehda ta' Carmelo Tabone stess;

- dwar it-tielet (3) imputazzjoni (dik dwar theddid bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, twaddib u/jew qbid ta' arma oħra kontra Alan Grech u/jew persuni oħra), din tirriżulta;

- dwar ir-raba' (4) imputazzjoni (dik rigward il-ksur tal-bon ordni u paċi pubblika b'għajjat u ġlied), din tissussisti għaliex jidhru li ħarġu n-nies waqt li kienet għaddejja l-ġlieda u għalhekk dak li ġara sar fil-pubbliku u qajjem inkwiet f'dawk li kienu preżenti.

Illi għaldaqstant it-tielet aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi ma tressaq l-ebda aggravju dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti u għal kull buon fini jingħad li l-piena in kwistjoni hija fil-parametri tal-liġi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Larson Grech u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**